## 7 ta' Diċembru, 1956

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;***
**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Professor Dr. Alexander Briffa et *versus* Lawrence J. Sullivan

**Lokazzjoni—Board tal-Kera—Appell—Art. 229 tal-Kap. 15**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tikkontempla l-każ ta' diversi kwistjonijiet f'kawża deċiżi b'sentenzi separati, u li tippermetti li jista' jsir appell minn kull waħda minnhom fiż-żmien preskritt, jew separament, jew flimkien mal-appell mis-sentenza finali bid-dekorrenza tat-terminu mid data tal-aħħar sentenza, purkè ssir riferenza espressa għas-sentenza li minnha jsir l-appell, hija applikabbli għas-sentenzi tal-Board tal-Kera, meta ma jkun hemm xejn kuntrarju fil-liġi speċjali tal-Board, jew meta ma jkunux manifestament inapplikabbli jew xort'oħra inkompatibbli mal-funzjonijiet speċjali tal-Board.*

Il-Qorti; — Rat it-talba tar-rikorrent proprio et nomine quddiem il-Board li Jirregola l-Kera biex jiġi awtorizzat jieħu pussess tal-fond numru 14 Howard Street, Sliema ("Ellora"), billi jridu għall-okkupazzjoni minn dixxendent u affini fil-linja dixxendentali, ċjoè n-Nutar John Spiteri Maempel, u tal-familja tiegħu;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat id-deċiżjoni tal-Board tat-28 ta' Diċembru 1955, li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimat, ċjoè illi l-ġudizzju mhux integru, billi l-lokaturi ma kienux kollha fil-kawża, u ġiet ordnata t-trattazzjoni fil-meritu;

Rat id-deċiżjoni l-oħra tal-Board tal-11 ta' Lulju 1956, li biha laqa' t-talba, taħt il-kondizzjoni illi l-intimat ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu u bħala lokazzjoni l-fond New Street Floriana, fuq imsemmi, u għall-fini tal-iżgumbrament taħ xahar mid-data tad-deċiżjoni; spejjeż bla taxxa; billi

l-Board ikkunsidra;

Illi r-rikorrent (recte n-Nutar Spiteri Maempel) għandu familja......;

L-intimat għandu l-mara u ħamest itfal......;

Illi d-dar Howard Street, okkupata mill-intimat, kienet tappartjeni lir-rikorrent Professur Briffa u Mary Anne Briffa u Lill-aħwa Briffa, li bi skrittura tat-30 ta' Settembru 1955 (eżibita in atti) taw il-kunsens tagħhom għall-lokazzjoni tal-istess dar lin-Nutar Spiteri Maempel, li huwa miżżewweġ lit-tifla tar-rikorrent Professur Briffa. Wieħed mill-firmatarji, ċjoè Dr. Victor Briffa, fil-25 ta' Frar 1956 deher quddiem dan il-Board u oppona ruħu għat-talba tar-rikorrent qabel ma ssir id-diviżjoni tal-beni ereditarji, billi fl-intervall kienet mietet, kif ġa ntqal fuq, ommu, ċjoè Mary Anne Briffa;

L-intimat sostna, bin-nota tiegħu tat-23 ta' Mejju 1956, illi biex ir-rikorrent jirnexxi fid-domanda tiegħu għandu jipprova li hemm il-kunsens tal-komproprjetarji kollha għall-iżgumbrament tiegħu u għar-rikonoxximent tan-Nutar Spiteri Maempel inkwilin;

Dan ir-rikonoxximent, però, ġie pruvat bl-iskrittura fuq imsemmija tat-30 ta' Settembru 1955, u kwindi Dottor Victor Briffa ma jistgħax il-lum jopponi ruħu għat-talba odjerna għall-iżgumbrament, u kwindi l-oppożizzjoni tiegħu messha ġiet eżerċitata mhux b'sempliċi xhieda, imma b'atti ġudizzjarji kif trid il-proċedura;

Ma huwiex neċessarju għall-kawża preżenti dan il-kunsens; għaliex il-lokazzjoni saret mir-rikorrent Professur Briffa bil-kunsens tal-komproprjetarji l-oħra kollha, u kwindi huwa, il-Professur Briffa, għandu nteress u dritt li jaġixxi biex il-lokazzjoni jista' jkollha effett;

L-argument l-ieħor addott mill-istess intimat lanqas ma huwa validu. Qal, infatti, l-intimat, li jista' jkun illi x'uħud mill-komproprjetarji jkunu jridu jmorru joqgħodu fil-post, u kwindi, non ostante l-iżgumbrament ordnat minn dan il-Board, in-Nutar Spiteri Maempel ma jkunx jista' jmur fid-dar in kwistjoni. Hu però qiegħed dejjem jinjora r-rabta naxxenti mill-imsemmija skrittura tat-30 ta' Settembru

1955, li għandha tiġi bilfors rispettata mill-komproprjetarji; u għalhekk l-inkonvenjent prospettat minnu ma jistax javvera ruħu; u dan hu punt in kwistjoni li r-rikorrent Professur Briffa għandu d-dritt jopta u jieħu d-dar kollha skond it-testment ta' Mary Anne Briffa, li kopja tiegħu tinsab eżibita;

Tibqa' għalhekk, però, il-kwistjoni tas-"suitability" tal-fond offert lill-intimat. Dan, bħala daqs, hu ċertament aktar ristrett mid-dar attwalment okkupata minnu, però ma jistax jingħad li huwa "unsuitable" għalieh, la għal dak li huwa kera, la bħala daqs, u lanqas bħala lokalità .........;

Rat ir-rikors tal-intimat fol. 51, li bih appella miż-żewġ deċiżjonijiet tal-Board, waħda dik tat-28 ta' Diċembru 1955, li hu talab li tiġi revokata, u b'hekk tiġi akkolta l-eċċezzjoni li l-ġudizzju ma hux integru, u li l-intimat jiġi liberat "ab observantia", u l-oħra dik tal-11 ta' Lulju 1956, li talab, in subordine, li tiġi revokata, u miċħuda t-talba tar-rikorrent; bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi;

Rat, fol. 54, ir-risposta tar-rikorrent proprio et nomine, li biha eċċepixxa li l-appell mis-sentenza tat-28 ta' Diċembru, 1956 (recte 1955) huwa null, peress li l-art. 229 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ma hux applikabbli għall-appell mill-Board tal-Kera; u kwantu għall-appell mis-sentenza tal-11 ta' Lulju 1956 qal li din mhijiex appellabbli, għax il-kwistjonijiet deċiżi huma kwistjonijiet ta' fatt;

Trattat l-inċident tal-applikabbilità tal-art. 299 Kap. 15;

**Ikkunsidrat:**

L-artikolu fuq imsemmi jikkontempla l-każ ta' diversi kwistjonijiet f'kawża deċiżi b'sentenzi separati, u jippermetti li jista' jsir appell minn kull waħda minnhom fiżżmien preskritt, jew separatament, jew flimkien mal-appell mis-sentenza finali; f'liema każ it-terminu jibda jgħodd mid-data ta' din is-sentenza; basta ssir riferenza espressa għas-sentenza li minnha jsir appell;

Ir-rikorrent proprio et nomine jippretendi li dan id-dispost ma hux applikabbli għas-sentenzi tal-Board tal-Kera, u li għalhekk l-appell mis-sentenza tat-28 ta' Diċembru 1955 hu "fuori termine", u kwindi null;

Issa, għalkemm il-Board tal-Kera ma hux annoverabbli fost il-qrati ordinarji, hu ċert però li dak it-tribunal jeżerċita *funzjonijiet ġudizzjarji, tant li hu b'liġi rivestit* bil-poteri kollha li għanda l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (art. 21 Kap. 109). Hu għalhekk korollarju loġiku u ġuridiku li huma applikabbli għall-proċeduri tal-Board id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, meta ma jkun hemm xejn in kuntrarju fil-liġi speċjali tal-Board, jew meta ma jkunux manifestament inapplikabbli, jew xort'oħra inkompatibbli mal-funzjonijiet speċjali tal-Board. Hekk, per eżempju, din il-Qorti rriteniet diversi drabi li huma *applikabbli għall-proċeduri tal-Board* id-dispożizzjonijiet tar-ritrattazzjoni;

Issa, ma hemm xejn li josta għall-applikabbilità tal-art. 229 fuq imsemmi. Ma hux ta' ostakolu d-dispost tal-art. 25(2) tal-liġi speċjali (Kap. 109), kif ma hux ta' ostakolu għall-art. 229 id-dispost tal-art. 224 Kap. 15. L-art. 25(5) Kap. 109 jista' ugwalment jiġi kollegat mad-dispost tal-art. 229 Kap. 15, fis-sens li l-kliem "deċiżjoni tal-Board" jistgħu jirriferixxu tant għad-deċiżjoni preliminari jew partikulari (jekk isir appell minnha biss), jew għad-deċiżjoni finali (jekk l-appell mid-deċiżjoni preambula jsir flimkien mas-sentenza finali);

Lanqas hu ta' ostakolu d-dispost tal-art. 25(1) Kap. 109, għax l-art. 229 jivviżwalizza biss il-mod tal-interpożizzjoni tal-appell(separatament jew mas-sentenza finali), u d-diversa dekorrenza tat-terminu skond il-każ, imma ma jbiddel xejn mill-prinċipju li l-appell jista' jsir biss fuq punt ta' dritt;

Il-fatt li fil-liġi speċjali hemm f'xi artikoli rikjam speċjali għal xi artikoli tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili lanqas jikkostitwixxi diffikultà; għaliex dawk huma każijiet li fihom, jew sar xi adattament għaċ-ċirkustanzi speċjali tal-Board (art. 20(1) Kap. 109), li japplika lill-membri mhux legali tal-Board ir-raġunijiet ta' astensjoni u rikuża), jew seta' jkun hemm diffikultà dwar l-applikabbilità tad-dispożizzjonijiet proċedurali ġenerali (art. 21(2), fejn seta' jiġi dubitat jekk il-Board, wara li eżerċita l-ġurisdizzjoni tiegħu

speċjali, hux "functus officio", b'mod li ma jistgħax jagixxi aktar, lanqas għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tiegħu). Kwantu għall-art. 229, ma jistgħux jimmilitaw dawn il-konsiderazzjonijiet; għaliex, kwantu għall-mod tal-interpożizzjoni tal-appell u d-dekorrenza diversa tat-terminu, ir-"ratio legis" hi l-istess, sija jekk si tratta ta' deċiżjoni tal-qrati ordinarji, kemm ukoll jekk si tratta ta' deċiżjoni tal-Board tal-Kera;

Id-difensur tal-appellat osserva li l-leġislatur ma setgħax ikkontempla l-applikabbilità tal-art. 229, għaliex, meta saret il-liġi speċjali in oriġine, ma kienx hemm dritt tal-appell, li ġie introdott in segwitu. Din l-osservazzjoni hi superata bir-riflessjoni li, bl-istess mod kif, qabel l-emenda tal-appellabbilità, kienu jkunu inapplikabbli, fil-limiti fuq senjati, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Proċedurali għall-każijiet ordinarjament kontemplati fil-liġi speċjali, hekk ukoll saru applikabbli dawk id-dispożizzjonijiet għal każijiet ġodda in segwitu ntrodotti fill-liġi speċjali;

Finalment, jista' jiġi wkoll osservat li l-interpretazzjoni għandha tkun favur l-appellabbilità;

Għal dawn il-motivi;

Tiddirimi din il-preġudizzjali;

Billi teskludi l-eċċezzjoni opposta mill-appellat, fis-sens li tiddikjara applikabbli l-art. 299, u li għalhekk l-appell mis-sentenza tat-28 ta' Diċembru 1955 hu tempestiv; bl-ispejjeż kontra r-rikorrent eċċipjent.

---